# L-Ewwel Żwiġijiet ta' l-Imqabbin 1550-1645

Dr. Horatio Caesar Roger Vella

F'dan l-artikolu sejrin naraw ġabra ta' żwiġijiet li kienu jinvolvu Mqabbin mill-bidunett li l-Knisja f'Malta bdiet tniżżel il-magħmudijiet, griżmi ta' l-isqof, żwiġijiet u mwiet f'reġistri. Fil-bidunett ta' l-eżistenza tal-parroċċi f'Malta, Birmiftuħ kien jiġbor fih dawn l-irħula: Ħal Farruġ, il-Gudja, l-Imqabba, Ħal Kirkop, Ħal Luqa, Ħal Safi u Ħal Tarxien. Dan ifisser li l-Imqabbin bdew jiġu rreġistrati fir-reġistri tal-Knisja f'Birmiftuħ għall-ewwel darba fl-1550. Ħafna drabi, l-ewwel entraturi ma kienux iġibu l-jum u x-xahar, imma biss is-sena 1550. Jidher minn dan il-fatt li min beda jikkopja fuq l-ewwel Reġistru kien għad ma kellux informazzjoni eżatta ta' meta tgħammdu jew iżżewwġu n-nies qabel dik id-data. Ukoll, kif ser naraw iktar 'l isfel, huma ftit wisq dawk li jidhru fl-ewwel għaxar snin minn meta bdiet ir-reġistrazzjoni.

Fl-istudju li għamilt fil-Parroċċa tal-Gudja fl-ewwel Reġistri ta' Birmiftuħ[1], jiena ġbidt dawk l-entraturi kollha li kienu jinvolvu l-Imqabbin, u f'dan l-artikolu qegħdin jidhru mqasmin fi gruppi ta' għaxar snin għal skopijiet ta' statistika. Fl-1592, Ħal Kirkop, il-Matriċi[2] ta' l-Imqabba u ta' Ħal Safi, saret parroċċa, u għalhekk, bejn id-29 ta' Mejju, 1592, meta Ħal Kirkop sar parroċċa, u l-1 ta' April, 1596, meta l-Imqabbin ma baqgħux jitniżżlu fir-Reġistru ta' Ħal Kirkop, il-magħmudijiet, iż-żwiġijiet u l-imwiet ta' l-Imqabbin jinsabu f'Ħal Kirkop,[3] għalkemm xi wħud oħra baqgħu jitniżżlu f'Birmiftuħ. Dawn ukoll ġew miġbura f'dan l-artiklu. Fl-aħħarnett, jiena ġbart ukoll minn Birmiftuħ dawk ir-reġistrazzjonijiet kollha, li huma ftit, li jinvolvu l-Imqabbin bejn l-1 ta' April, 1596 u l-1645.

Bħala appendiċi ta' dan l-istudju, jiena ġbart ukoll mill-ewwel Reġistru ta' l-Imqabba[4] lista ta' żwiġijiet li seħħew bejn Imqabbin u nies barra mir-raħal mill-1599, meta l-parroċċa bdiet tirreġistrahom, sa l-1615. Dan l-istudju jikkumplementa l-fatt magħruf li f'dawk iż-żminijiet ħafna min-nisa tar-raħal kienu jiżżewwġu fir-raħal lil irġiel minn barra mir-raħal. Jitfa' dawl ukoll fuq l-interazzjoni bejn l-Imqabba u rħula oħra f'Malta f'dawk iż-żminijiet.

## L-Imqabba, Ħal Kirkop u Birmiftuħ 1592-1596

Ħal Kirkop inqata' minn Birmiftuħ fid-29 ta' Mejju, 1592, flimkien ma' Ħal Safi u l-Imqabba. Dan jixhdu Ġwanni Franġisku Abela nnifsu.[5] Dan jixhdu wkoll l-istess l-ewwel Reġistru li hemm f'Ħal Kirkop, li saħansitra jibda xhur qabel din id-data tad-29 ta' Mejju, eżatt fl-10 ta' Jannar, 1592, bil-magħmudija ta' Vinċenza Busuttil, minn Ħal Kirkop.[6] L-ewwel magħmudija ta' tarbija mill-Imqabba f'Ħal Kirkop kienet dik ta' Marju Scicluna fit-8 ta' Frar, 1592, kważi erba xhur qabel ma Ħal Kirkop sar parroċċa,[7] waqt li l-ewwel u l-unika difna f'Ħal Kirkop mill-Imqabba kienet ta' waħda li isimha u kunjomha mhumiex miġjubin, imma li kienet mart wieħed jismu Kajxuni, fil-15 ta' Frar, 1592.[8] L-aħħar magħmudija mill-Imqabba f'Ħal Kirkop bejn l-1592 u l-1596 kienet dik ta' Ġwanni Duminku Ciantar, bin Mikiel u Katerina, fl-1 ta' April, 1596.[9] L-uniku żwieġ mill-Imqabba f'Ħal Kirkop fl-istess epoka, fejn l-għarusa kienet mill-Imqabba, kien dak ta' Ġulja Ellul, bint Mastru Nikol, ma' Mastru Indrì Bugeja, miż-Żurrieq, fl-14 ta' Jannar, 1596.[10]

Mhux ċar meta eżatt l-Imqabba bdiet topera bħala Parroċċa, maqtugħa minn Ħal Kirkop. Fl-ewwel Reġistru ta' magħmudijiet, żwiġijiet u mwiet li hemm f'Ħal Kirkop, l-ewwel Kappillan ta' Ħal Kirkop, Dun Karlu Taljana, ħalla nota li turi meta eżatt waqfu jitniżżlu l-magħmudijiet, żwiġijiet u mwiet tal-Imqabba f'Ħal Kirkop.[11] Din id-data kienet l-1 ta' April, tal-1596. Skond l-awtur tal-manuskritt li jġib l-isem ta' *Notulae historicae Ecc[lesi]ae Par[rochialis] Micabibae* li jinsab fil-Parroċċa tal-Imqabba u li ma hux Reġistru, imma, kif jgħid it-titlu stess, noti storiċi fuq l-istess parroċċa, l-Imqabba nqatgħet minn "Birmiftuħ" f'Novembru, 1598, jiġifieri, 'l fuq minn sena u nofs wara.[12] Din is-sena jaqbel magħha l-istoriku Ġwanni Franġisku Abela.[13] Iżda l-ewwel entratura fl-ewwel Reġistru li hemm fl-Imqabba ġġib id-data tas-6 ta' Jannar, 1599, meta ġie mgħammed Ġwanni Duminku Bonavia, mill-Imqabba.[14] Wieħed hawn isaqsi, x'sar minnhom l-entraturi fuq l-Imqabba bejn l-1 ta' April, 1596, sas-6 ta' Jannar, 1599? Bejn l-1 ta' April, 1596, u l-1599, nafu b'xi żwiġijiet li ġew iċċelebrati bejn għarajjes irġiel Imqabbin u nisa oħra barra l-Imqabba. Dan għaliex l-għarusa

kienet tiżżewweġ, ġeneralment, fil-parroċċa tagħha. Hekk ġara, per eżempju, fiż-żwieġ li ġie notifikat f'Ħal Kirkop, dak tas-26 ta' Jannar, 1597, meta Paskal Spiteri, mill-Imqabba, iżżewweġ lil Vinċenza Ellul, bint il-mibki Benedittu, minn Ħal Kirkop.[15] Iżda żwiġijiet bejn nisa Mqabbin u oħrajn f'dawk is-sentejn u nofs huma neqsin.

Biex nieħdu idea dwar x'kienet tfisser għall-Imqabbin u għall-Knisja li Ħal Kirkop jinqata' minn Birmiftuħ u jkollu taħt idejh żewġ parroċċi oħra, ser inniżżel hawnhekk il-magħmudijiet kollha li ġew iċċelebrati bejn l-1592 u l-1596 kemm f'Ħal Kirkop u kemm f'Birmiftuħ. Dan għaliex li minkejja li issa l-Imqabba sar parti minn Ħal Kirkop, xorta baqa' kultant jinqeda b'Birmiftuħ:

**Magħmudijiet ta' Imqabbin f'Ħal Kirkop: 1592-1596:**[16]

AGIUS, Anġla, bint Antoninu u Katerina fil-15 ta' Mejju, 1593
AGIUS, Luqa, bin Leonardu u Anjeża fl-24 ta' Lulju, 1594
BUGEJA, Ġwanni, bin Ġwanni u Katerina fil-15 ta' Mejju, 1594
CASSAR, Arġenta, bint Ġużeppi u Duminka fis-16 ta' Frar, 1595
CIANTAR, Ġlorma, bint Mikiel u Katerina fl-4 ta' Lulju, 1592
CIANTAR, Ġwanni Duminku, bin Mikiel u Katerina fl-1 t'April, 1596
CURMI, Ġwanni Luqa, bin missier mhux magħruf u Marjetta fl-24 ta' Jannar, 1594
FARRUGIA, Ġwanni Pawlu, bin Ġwanni u Marjetta fit-22 ta' Jannar, 1596
SCICLUNA, Marju, bin Djoniżju u Antonina fit-8 ta' Frar, 1592
SCICLUNA, Marju, bin Djoniżju u Antonina fit-22 ta' Mejju, 1595
TONNA, Vennera, bint Duminku u Ġovanna fl-20 ta' Settembru, 1593
ZAHRA, Ġwanni Pawlu, bin Antonju u Katerina fit-22 ta' Novembru, 1592
ZAMMIT, Ewfemja, bint Ġużeppi u Ġovanella fl-14 ta' Frar, 1593
ZAMMIT, Ewfemja, bint Ġużeppi u Ġovanella fil-25 ta' Diċembru, 1594

**Magħmudijiet ta' Imqabbin bejn l-1592 u l-1596 f'Birmiftuħ: 1592-1596:**[17]

CAFOR, Agata, bint Franġisku u Vinċenzja, fit-12 ta' Frar, 1592
CAMILLERI, Erażmu, bin Girgor u Madalena, fl-14 ta' Lulju, 1592
CASSAR, Ġwanni Duminku, bin Baldassar u Katerina, fis-26 ta' Frar, 1592
CASSAR, Grazzja, bint Ġużeppi u Duminka, fil-11 ta' Settembru, 1593
CIANTAR, Ġeronima, bint Mikiel u Katerina, fit-28 ta' Frar, 1594
CURMI, Antonjuża, bint Mattew u Marjetta, fil-5 ta' Jannar, 1593
MAGRO, Mattew, bin Tumas u Ġovanna, fis-16 ta' Diċembru, 1592
MALLIA, Marju, bin Luqa u Margerita, fl-4 ta' Lulju, 1593
SCICLUNA, Marju, bin Djoniżju u Antonina, fil-25 ta' Marzu, 1593
ZAMMIT, Ġwanni Marija, bin Stiefnu u Ġovanna, fit-18 ta' April, 1594

F'ħames snin, ġew iċċelebrati b'kollox 24 magħmudija, 14 f'Ħal Kirkop u 10 f'Birmiftuħ. Irridu ngħidu mill-bidunett li tnejn mill-għaxar magħmudijiet li ġew iċċelebrati f'Birmiftuħ seħħew qabel ma Ħal Kirkop sar Parroċċa. Minn dawn l-24, 10 kienu nisa (41.67%) u 14 kienu rġiel (58.33%). B'kollox kien hemm medja ta' 4.8 magħmudijiet fis-sena. Kunjomijiet differenti b'kollox kien hemm 14, li l-iktar komuni minnhom kienu dawk ta' Cassar (3), Ciantar (3), Scicluna (3) u Zammit (3). Dawn l-24 tarbija ġew minn 18-il familja differenti, b'medja ta' 1.33 kull familja f'ħames snin.

U issa ser nirriflettu fuq l-istess sitwazzjoni, imma permezz taż-żwiġijiet.

**Żwiġijiet ta' Imqabbin f'Ħal Kirkop: 1592-1596:**[18]

ELLUL, Ġulja, bint Mastru Nikol, ma' Mastru Indrì Bugeja, miż-Żurrieq fl-14 ta' Jannar, 1596
FARRUGIA, Ġwanni, bin il-mibki Mastru Pawlu, ma' Marjetta Micallef, bint Ġwanni, minn Ħal Kirkop fit-30 ta' Settembru, 1594
SPITERI, Paskal, ma' Vinċenza Ellul, bint il-mibki Benedittu, minn Ħal Kirkop fis-26 ta' Jannar, 1597

**Żwiġijiet ta' Mqabbin f'Birmiftuħ: 1592-1596:**[19]

AGIUS, Martinu, bin Bastjan-Katerina Aquilina, bint Vinċenz, fis-26 ta' Ġunju, 1592
SCHEMBRI, Bastjan-Grazzja Grima, bint il-mibki Xmun, minn Ħal Luqa, fid-29 ta' April, 1595.

Wieħed jista' jifhem għaliex Bastjan Schembri żżewweġ f'Birmiftuħ u mhux f'Ħal Kirkop, għaliex l-għarusa tiegħu kienet minn Ħal Luqa, li kienet għadha mhix parroċċa, imma tagħmel ma' Birmiftuħ. L-istess nistgħu ngħidu għal Ġwanni Farrugia u Paskal Spiteri li żżewwġu f'Ħal Kirkop, għaliex l-għarajjes tagħhom kienu minn Ħal Kirkop. Iżda kemm Martinu Agius u kemm l-għarusa tiegħu, Katerina Aquilina, kienu mill-Imqabba li, dak iż-żmien kien jagħmel ma' Ħal Kirkop, u xorta żżewwġu f'Birmiftuħ. Mill-banda l-oħra, Ġulja Ellul mill-Imqabba żżewwġet lil Indrì Bugeja miż-Żurrieq fl-14 ta' Jannar, 1596 f'Ħal Kirkop, u mhux f'Birmiftuħ.

B'kollox seħħew bejn l-1592 u l-1596, bejn Birmiftuħ u Ħal Kirkop, ħames żwiġijiet, tlieta f'Ħal Kirkop u tnejn f'Birmiftuħ. Tnejn kienu għarajjes nisa Mqabbin, u erbgħa għarajjes irġiel Imqabbin. F'kas minnhom, l-għarajjes it-tnejn kienu Mqabbin. Meta l-għarajjes ma kinux Imqabbin, dawn kienu minn

Ħal Kirkop (2), minn Ħal Luqa (1) u miż-Żurrieq (1). Kunjomijiet ta' Imqabbin kien hemm sitta differenti, li huma Agius, Aquilina, Ellul, Farrugia, Schembri u Spiteri.

Minn dan kollu wieħed jikkonkludi li għalkemm l-Imqabba ngħaqad ma' Ħal Kirkop f'Mejju, 1592, xorta rreġistra tmien magħmudijiet u żwieġ wieħed f'Birmiftuħ flok f'Ħal Kirkop; u għalkemm l-Imqabba nqata' minn Ħal Kirkop fl-1 ta' April, 1596, il-parroċċa damet ma ssetiljat biex tibda żżomm ir-reġistri tagħha sal-1599.

U issa ngħaddu biex nagħtu lista ta' dawk l-Imqabbin li żżewwġu f'Birmiftuħ u f'Ħal Kirkop mill-bidu tal-ewwel Reġistru ta' Birmiftuħ, li llum jinsab fil-Parroċċa tal-Gudja, sa l-1645.

## L-Imqabba fir-Reġistri ta' Birmiftuħ u Ħal Kirkop

**1550-1559:**
**Birmiftuħ**[20]

CAMILLERI, Ġwanni-Duminka Zammit, bint Bendu
CAMILLERI, Martin-Duminka Mangion, bint Mattew

**Total**: 2
*Kunjomijiet ta' xebbiet mill-Imqabba*: 2: Mangion, Zammit
*Kunjomijiet ta' ġuvintur mill-Imqabba*: 2: Camilleri (2)
*L-iktar kunjomijiet komuni mill-Imqabba*: Camilleri (2)
*Għarajjes irġiel mhux mill-Imqabba*: 0
*Għarajjes aħwa*: 0
*Għarajjes romol*: 0

**1560-1569:**
**Birmiftuħ**

BORG, Blażju-Imperja Zammit [armla ta' Bartilmew Farrugia], bint Pawlu
CALLUS, Antonju, miż-Żurrieq-Vennera Zahra, bint Benedittu
CAMILLERI, Girgor, miż-Żurrieq-Madalena Camilleri, bint Teramu
CAMILLERI, Mattew, miż-Żurrieq-Klara Farrugia, bint Vinċenz
CARASCO, Franġisku, barrani-Katerina Mangion, bint Mattew
CASSAR, Bernardu-Agata Zammit, bint Ġakbu
CHARUF, Tumas-Luċija Aquilina, bint Filippu
CIANTAR, Bastjan, minn Ħax-Xluq, Siġġiewi-Ġovanna Farrugia, bint Vinċenz
CIANTAR, Salvu, minn Ħax-Xluq, Siġġiewi-Vinċenzja Zammit, bint Pawlu
DARMANIN, Vinċenz, mill-Qrendi-Mattja Farrugia, bint Bartilmew
DEBONO, Anġlu, minn Ħ'Attard-Katerina Aquilina, bint Indrì
FARRUGIA, Bartilmew-Imperja Zammit, bint Pawlu
FARRUGIA, Lawrenz, mill-Qrendi-Antonina Agius, bint Filippu
FARRUGIA, Leonardu, mill-Qrendi-Agata Mallia, bint Ġulju
FILIPPONE, Bażilju-Ġovanna Schembri, bint Antonju
LOMBARDO, Mikiel, miż-Żurrieq-Duminka, armla ta' Ġwanni Zammit
MANDUCA, Stiefnu, skjav ta' Antonju Manduca-Vennera Grech, bint Iljun
MUSCAT, Ġiljan-Katerina Farrugia, bint Vinċenz
PACE, Ġwanni, minn Ħal Odieri [Żdieri], is-Siġġiewi-Anġela Mangion, bint Mattew
SACCO, Mattew-Margerita Farrugia, bint Bartilmew
SCHEMBRI, Duminku-Franġiska Scicluna, bint Duminku
TONNA, Lawrenz-Agata Aquilina, bint Tumas
ZAMMIT, Federiku-Duminka Farrugia, bint Blażju

**Total**: 23
*Kunjomijiet ta' xebbiet mill-Imqabba*: 11: Agius, Aquilina (3), Camilleri, Farrugia (6), Grech, Mallia, Mangion (2), Schembri, Scicluna, Zahra, Zammit (4), mhux indikat
*Kunjomijiet ta' ġuvintur mill-Imqabba*: 11: Borg, Cassar, Charuf, Farrugia (3), Filippone, Manduca, Muscat, Sacco, Schembri, Tonna, Zammit
*L-iktar kunjomijiet komuni mill-Imqabba*: Farrugia (9), Zammit (5), Aquilina (3)
*Għarajjes irġiel mhux mill-Imqabba*: 12 (52.17%): Żurrieq (4), Qrendi (3), Siġġiewi (3), Attard, u barrani
*Għarajjes aħwa*: 9: Farrugia, Ġovanna-Katerina-Klara; Farrugia, Margerita-Mattja; Mangion, Anġla-Katerina; Zammit, Imperja-Vinċenza
*Għarajjes romol*: 2: Zammit, Duminka, Imperja
*Għarajjes skjavi*: 1: Manduca, Stiefnu

**1570-1579:**
**Birmiftuħ**

ABELA, Nikola, minn Ħaż-Żebbuġ-Imperja Zammit, bint Ramundu
AGIUS, Duminku-Duminka Aquilina, bint Tumas
CACHIA, Damjan, mir-Rabat-Ġovanna Agius, bint Duminku
CALLEJA, Ġużeppi-Antonina Farrugia, bint Pawlu
CAMILLERI, Pietru-Klara Zammit, bint Luqa
CASSAR, Baldassar-Anġela Schembri, bint Teramu
CURMI, Mattew, mir-Rabat-Marjetta Aquilina, bint Filippu
FARRUGIA, Ġwanni, bin Ġorġ, mill-Qrendi-Duminka Zammit, bint Ramundu
GAUCI, Pietru, bin Pawlu, mis-Siġġiewi-Katerina Filippone, bint Ġwanni
MALLIA, Pietru-Agata Farrugia (Spatafora), bint Mastru Pawlu
MANGION, Teramu, mill-Qrendi-Duminka Azzopardi, bint Antonju
SCICLUNA, Mattew-Imperja Ellul, bint Nikola
ZAMMIT, Mattew-Ġovanella Farrugia, bint Mastru Pawlu
ZAMMIT, Salvu-Lovera Barbara, bint Pawlu, mill-Gudja

**Total**: 14

*Kunjomijiet ta' xebbiet mill-Imqabba*: 9: Agius, Aquilina (2), Azzopardi, Barbara, Ellul, Farrugia (3), Filippone, Schembri, Zammit (3)

*Kunjomijiet ta' ġuvintur mill-Imqabba*: 7: Agius, Calleja, Camilleri, Cassar, Mallia, Scicluna, Zammit (2)

*L-iktar kunjomijiet komuni mill-Imqabba*: Zammit (5), Farrugia (3), Agius (2), Aquilina (2)

*Għarajjes irġiel mhux mill-Imqabba*: 6 (42.86%): Qrendi (2), Rabat (Malta) (2), Siġġiewi, Żebbuġ (Malta)

*Għarajjes aħwa*: 5: Farrugia, Agata-Antonina-Ġovanella; Zammit, Duminka-Imperja

*Għarajjes romol*: 0

*Għarajjes skjavi*: 0

**1580-1589:**

**Birmiftuħ**

SCHEMBRI, Ludoviku-Iżabella Axisa, bint Teramu

VELLA, Marjanu, mill-Gudja-Inzjona Farrugia, bint Pawlu

**Total**: 2

*Kunjomijiet ta' xebbiet mill-Imqabba*: 2: Axisa, Farrugia

*Kunjomijiet ta' ġuvintur mill-Imqabba*: 1: Schembri

*L-iktar kunjomijiet komuni mill-Imqabba*: Axisa (1), Farrugia (1), Schembri (1)

*Għarajjes irġiel mhux mill-Imqabba*: 1 (50%): Gudja

*Għarajjes aħwa*: 0

*Għarajjes romol*: 0

*Għarajjes skjavi*: 0

**1590-1592 (29 ta' Mejju):**

**Birmiftuħ**

CASSAR, Salvu, bin Nikola, miż-Żurrieq-Katirnella Tonna, bint Lawrenz

CASSIA, Ġiljan-Ġovanella Farrugia, bint Leonardu

**Total**: 2

*Kunjomijiet ta' xebbiet mill-Imqabba*: 2: Farrugia, Tonna

*Kunjomijiet ta' ġuvintur mill-Imqabba*: 1: Cassia

*L-iktar kunjomijiet komuni mill-Imqabba*: Cassia (1), Farrugia (1), Tonna (1)

*Għarajjes irġiel mhux mill-Imqabba*: 1 (50%): Żurrieq

*Għarajjes aħwa*: 0

*Għarajjes romol*: 0

*Għarajjes skjavi*: 0

**1592 (29 ta' Mejju) –1596 (1 ta' April):**

**Birmiftuħ**

AGIUS, Martinu, bin Bastjan-Katerina Aquilina, bint Vinċenz

SCHEMBRI, Bastjan-Grazzja Grima, bint Xmun, minn Ħal Luqa

*Ħal Kirkop:*[21]

BUGEJA, Mastru Indrì, miż-Żurrieq-Ġulja Ellul, bint Mastru Nikol

FARRUGIA, Ġwanni, bin Mastru Pawlu-Marjetta Micallef, bint Ġwanni, minn Ħal Kirkop

SPITERI, Paskal-Vinċenza Ellul, bint Benedittu, minn Ħal Kirkop

**Total**: 5

*Kunjomijiet ta' xebbiet mill-Imqabba*: 2: Aquilina, Ellul

*Kunjomijiet ta' ġuvintur mill-Imqabba*: 4: Agius, Farrugia, Schembri, Spiteri

*L-iktar kunjomijiet komuni mill-Imqabba*: Agius (1), Aquilina (1), Ellul (1), Farrugia (1), Schembri (1), Spiteri (1)

*Għarajjes irġiel mhux mill-Imqabba*: 1 (20%): Żurrieq

*Għarajjes nisa mhux mill-Imqabba*: 3 (60%): Kirkop (2), Luqa

*Għarajjes aħwa*: 0

*Għarajjes romol*: 0

*Għarajjes skjavi*: 0

**1596 (1 ta' April) -1645:**

**Birmiftuħ**[22]

FARRUGIA, Leonardu-Iżabella Delia, bint Antonju, minn Ħal Farruġ (Imqabba) 11 ta' Jannar, 1609

MALLIA, Antonju, bin Marju - Agata Bondin, bint Ninu, minn Ħal Luqa 30 ta' April, 1623

MIFSUD, Marju-Iżabella, armla ta' Marjanu Bondì, minn Ħal Luqa 29 ta' Settembru, 1629

SCHEMBRI, Duminku-Speranzja Buttigieg, bint Klement u Franġiska 21 ta' Settembru, 1636

ZAMMIT, Ġlormu, bin Ġużeppi-Duminka Imbroll, bint Lawrenz, minn Ħal Farruġ (Imqabba) 7 ta' Frar, 1617

ZAMMIT, Ġorġ, bin Ġużeppi-Imperja Abela, bint Petruzju, mill-Gudja 29 ta' Jannar, 1605

ZAMMIT, Lawrenz, bin Salvu-Vittorja Ellul, bint Gabrijel, minn Ħal Luqa 19 ta' Awwissu, 1621

**Total**: 7

*Kunjomijiet ta' xebbiet mill-Imqabba*: 1: Buttigieg

*Kunjomijiet ta' ġuvintur mill-Imqabba*: 7: Farrugia, Mallia, Mifsud, Schembri, Zammit (3)

*L-iktar kunjomijiet komuni mill-Imqabba*: Zammit (3)

*Għarajjes irġiel mhux mill-Imqabba*: 0

*Għarajjes nisa mhux mill-Imqabba*: 6 (85.71%): Luqa (3), Farruġ (2), Gudja

*Għarajjes aħwa*: 0

*Għarajjes romol*: 1 (Luqa)

*Għarajjes skjavi*: 0

Ser nippreżenta issa din it-Tabella li tiġbor fiha t-tagħrif kollu fuq iż-żwiġijiet ta' l-Imqabbin mill-1550 sal-1645, u nikkommenta fuqha fil-Konklużjoni ta' dan l-artikolu.

**ŻWIĠIJIET TA' MQABBIN BARRA MIR-RAĦAL 1550-1645**

| | 1550-1559 | 1560-1569 | 1570-1579 | 1580-1589 | 1590-1592 | 1592-1596 | 1596-1605 | 1606-1615 | 1616-1625 | 1626-1635 | 1636-1645 | Medja 1550-1596[23] |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Total taż-żwiġijiet | 2 | 23 | 14 | 2 | 2= 8/10 | 5= 14.29/10 | 1 | 1 | 3 | 1 | 1 | 10.55 |
| Xebbiet mill-Imqabba | 2 100% | 11 47.83% | 9 64.29% | 2 100% | 2= 8/10 100% | 2= 5.71/10 39.96% | 0 | 1 100% | 1 33.33% | 0 | 1 100% | 6.29 75.35% |
| Ġuvintur mill-Imqabba | 2 100% | 11 47.83% | 7 50% | 1 50% | 1= 4/10 50% | 4= 11.43/10 79.99% | 1 100% | 1 100% | 3 100% | 1 100% | 1 100% | 6.07 62.97% |
| Kunjom | Camilleri | Farrugia Zammit Aquilina | Zammit Farrugia Agius Aquilina | | | | | | Zammit | | | |
| Ġuvintur mhux mill-Imqabba | 0 | 12 52.17% | 6 42.86% | 1 50% | 1= 4/10 50% | 3= 8.57/10 20% | 1 | 0 | 0 | 0 | 0 | 5.26 35.84% |
| Għarajjes aħwa | 0 | 9 39.13% | 5 35.71% | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 2.33 12.47% |
| Għarajjes romol | 0 | 2 | 0 8.7% | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0.33 1.45% |
| Għarajjes skjavi | 0 | 1 4.35% | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0.17 0.73% |

## Żwiġijiet bejn Imqabbin ma' barranin fir-raħal

**1599-1615:**

**L-Imqabba**[24]

AGIUS, Ġwanni Karlu, bin Leonardu-Valenzja Azzopardi, bint Girgor, mis-Siġġiewi
13 t'Ottubru, 1612

AZZOPARDI, Bartilmew, minn Bubaqra- Ġlorma Zammit, bint Mattew
16 ta' Jannar, 1600

BARBARA, Barnaba, bin Ġużeppi, mill-Qrendi-Bartilmeja Magro, bint Vinċenz
25 t'April, 1599

BARTOLO, Pietru, bin Vinċenz, mir-Rabat-Ġovanella Scicluna, bint Djoniżju u Antonina
11 ta' Settembru, 1611

BIGENI, Franġisku, minn Ħaż-Żebbuġ-Vinċenza Magro, bint Bartilmew
7 ta' Novembru, 1604

BORG, Ġakbu, bin Brandanu, minn Ħal Qormi-Dianora Cassar, bint Baltassar u Katerina
31 ta' Jannar, 1615

BRIFFA, Pietru, armel minn Ħal Luqa-Vinċenzja Zammit, bint Salvu u Luvera
13 ta' Lulju, 1603

BURLÒ, Siġismundu, minn Ħal Tarxien-Ġakobina Tonna, bint Tumas
28 t'Awwissu, 1611

BUSUTTIL, Ġorġ, miż-Żejtun-Grazzja Zammit, bint Indrì u Pawla
19 t'Awwissu, 1607

BUTTIGIEG, Franġisku, bin Nikola, miż-Żurrieq-Ġovanella Mallia, bint Pietru
18 t'Ottubru, 1608

CAMILLERI, Mattew, minn Senglea-Ġulja Agius, bint Antoninu
23 t'April, 1606

CARUANA, Ġwanni, bin Salvu, mill-Qrendi-Marjetta Zammit, bint Salvu u Luvera
9 ta' Settembru, 1601

CARUANA, Ġwanni, bin Tumas, minn Ħal Lew (Qrendi)-Romana Scicluna, bint Dijoniżju
28 t'April, 1602

CARUANA, Lawrenz, mill-Qrendi-Katerina Farrugia, bint Ġakbu u Imperja
25 ta' Lulju, 1610

ELLUL, Gabrijel, armel minn Birmiftuħ-Marjetta Magro, bint Vinċenz
18 ta' Jannar, 1604

ELLUL, Ġużeppi, armel mill-Gudja-Agata Farrugia, bint Pawlu
24 ta' Lulju, 1602

ELLUL, Gużmanu, bin Antonju, minn Ħal Kirkop-Marjetta Micallef, bint Ġwanni, armla ta' Ġwanni Farrugia
2 ta' Jannar, 1604
ELLUL, Ġwanni Pawlu, bin Duminku, minn Ħal Kirkop-Bernardina Zammit, bint Lawrenz u Ġulja
26 ta' Jannar, 1603
ELLUL, Lazzru, minn Ħal Kirkop-Imperja Zammit, bint Lawrenz u Ġulja
31 t'Awwissu, 1608
FARRUGIA, Anġlu, miż-Żurrieq-Margerita Aquilina, bint Vinċenz u Grazzja
4 t'Awwissu, 1607
FARRUGIA, Ġwanni Pawlu, bin Nikol, mill-Qrendi-Marjetta Zammit, bint Lawrenz
21 ta' Ġunju, 1615
FARRUGIA, Marku, bin Indrì, minn Ħal Kirkop-Pawla Agius, bint Leonardu
7 ta' Frar, 1599
GRIMA, Ġwanni Marija, minn Senglea-Iżabella Zammit, bin Indrì u Pawla
1 ta' Mejju, 1611
GUSMAN, Demetriju, miż-Żurrieq-Katerina Ciantar, bint Mikiel u Katerina
21 ta' Settembru, 1608
MAGRO, Franġisku, minn Ħal Għaxaq-Agata Filippone, bint Ġiljan
2 ta' Lulju, 1600
MAGRI, Ġakbu, miż-Żurrieq-Katerina Zammit, bint Lawrenz u Ġulja
25 t'Awwissu, 1602
MAGRO, Ġorġ, bin Brinkatu u Vinċenzja, minn Ħal Għaxaq-Ġovanella Magro, bint Vinċenz
25 ta' Novembru, 1612
MANGION, Ġulju, mir-Rabat-Klemenzja Camilleri, bint Girgor u Madalena
6 ta' Settembru, 1609
MANGION, Ġwanni, bin Pietru, miż-Żurrieq-Pawlina Farrugia, bint Silvestru
25 t'Awwissu, 1601
MANGION, Mikiel, mis-Siġġiewi-Katerina Farrugia, bint Leonardu
2 t'Awwissu, 1608


Maria Stationery
Owner: Maria Sacco
For all kinds of Stationery
Toys, Gifts, Cards, Cosmetics
Haberdashery and Photocopying Service
17, Triq is-Salvatur, Qrendi • Mobile: 9948 7385



STAR BRITE DRY CLEANING
Starbrite
Dry Cleaning
Triq Tas-Sejba, Mqabba
Tel/Fax: 2168 3367

MIFSUD, Marju, bin Teramu u Katerina, miż-Żurrieq-Katerina Magro, bint Bartilmew u Anġelika
30 ta' Jannar, 1611
MIZZI, Franġisku, bin Mikiel, miż-Żurrieq-Katerina Zammit, bint Indrì
18 ta' Lulju, 1599
PACE, Martin, bin Duminku, mis-Siġġiewi-Bernarda Zammit, bint Lawrenz u Ġulja
21 ta' Frar, 1610
PISCOPO, Ġlormu, armel minn Senglea-Ġovanella Cafor, bint Franġisku u Vinċenzja
14 ta' Jannar, 1602
ROMANO, Ġwanni Battista, minn Senglea-Anġelika Cassar, bint Ġużeppi
9 ta' Ġunju, 1613
SALIBA, Ġwanni, bin Xmun, minn Ħal Luqa-Katerina Farrugia, bint Ġwanni
15 ta' Lulju, 1612
SCHEMBRI, Antonju, bin Duminku, minn Ħal Farruġ (Imqabba)-Valenzja Zahra, bint Antonju
14 ta' Jannar, 1606
SCHEMBRI, Girgor, bin Vinċenz, minn Ħal Qormi-Marjetta Zammit, bint Indrì u Pawla
19 ta' Jannar, 1603
SCHEMBRI, Indrì, minn Ħal Manin (Qrendi)-Katerina Ellul, bint Lawrenz
13 t'Awwissu, 1600
SPITERI, Nikol, bin Ġorlandu u Margerita, mill-Qrendi-Pawlina Zammit, bint Stiefnu u Ġovanna
21 ta' Settembru, 1613
VECHIO, Ġwanni Antonju, minn Licata (Sqallija)-Ġulja Sacco, bint Mattew
21 ta' Frar, 1599
ZAHRA, Mattew, bin Marjanu, minn Ħal Għaxaq-Katerina Mallia, bint Pietru
13 ta' Frar, 1600
ZAMMIT, Benedittu, minn Senglea-Imperja Tonna, bint Lawrenz
20 ta' Settembru, 1599
ZAMMIT, Duminku, bin Ġakbu u Duminka, minn Ħal Millieri (Żurrieq)-Marjetta Tonna, bint Lawrenz u Agata
4 ta' Settembru, 1605

**Total**: 44
*Kunjomijiet ta' xebbiet mill-Imqabba*: 43 (97.73%): Agius (2), Aquilina, Cafor, Camilleri, Cassar (2), Ciantar, Ellul, Farrugia (5), Filippone, Magro (5), Mallia (2), Micallef, Sacco, Scicluna (2), Tonna (3), Zahra, Zammit (13)
*Kunjomijiet ta' ġuvintur mill-Imqabba*: 1: Agius
*L-iktar kunjomijiet komuni mill-Imqabba*: Zammit (13), Farrugia (5), Magro (5), Agius (3), Tonna (3)
*Għarajjes irġiel mhux mill-Imqabba*: 43 (100%): Birmiftuħ, Bubaqra, Farruġ, Gudja, Kirkop (4), Lew, Licata, Luqa (2), Manin, Millieri, Għaxaq (3), Qormi (2), Qrendi (5), Rabat (Malta) (2), Senglea (5), Siġġiewi (2), Tarxien, Żebbuġ (Malta), Żejtun, Żurrieq (7)
*Għarajjes nisa mhux mill-Imqabba*: 1 (2.27%): Siġġiewi
*Għarajjes aħwa*: 24 (54.55%): Agius, Ġwanni Karlu-Pawla; Magro, Bartilmeja-Ġovanella-Marjetta; Magro, Katerina-Vinċenza; Mallia, Ġovanella-Katerina; Scicluna, Ġovanella-Romana; Tonna, Imperja-Marjetta; Zammit, Marjetta-Vinċenzja; Zammit, Bernarda-Bernardina-Imperja-Katerina-Marjetta; Zammit, Grazzja-Iżabella-Katerina-Marjetta
*Għarajjes romol*: 4 (9.09%) (irġiel)
*Għarajjes skjavi*: 0

Minn dawn l-44 żwiġijiet li ġew irreġistrati fl-Imqabba bejn l-1599 u l-1615 bejn Imqabbin u gharajjes mhux mir-raħal, insibu li l-aktar kunjomijiet komuni fl-Imqabba kienu Zammit, Farrugia, Magro, Agius u Tonna. Fil-biċċa l-kbira, dawn l-għarajjes Imqabbin kienu nisa (43). 24 minnhom kienu aħwa ta' għarajjes imsemmin fil-lista, li ġew minn 9 familji, li kienu Zammit (3), Magro (2), Agius, Mallia, Scicluna u Tonna. Fil-biċċa l-kbira, l-għarajjes irġiel ġew miż-Żurrieq (7), Qrendi (5), Senglea (5) u Kirkop (4), postijiet kollha madwar l-Imqabba. Wieħed jista' ukoll jifhem l-importanza ta' Senglea bħala port u għalhekk post ta' kuntatt mad-diversi rħula ta' Malta. Maż-Żurrieq inżidu wieħed minn Bubaqra u ieħor minn Ħal Millieri li kienu jagħmlu maż-Żurrieq, u mal-Qrendi nżidu wieħed minn Ħal Lew u ieħor minn Ħal Manin li kienu jagħmlu mal-Qrendi. Ħal Farruġ, għalkemm raħal maqtugħ, dak iż-żmien kien jagħmel ma' l-Imqabba. Ninnotaw ukoll żwieġ ma' barrani, minn Licata fi Sqallija. L-unika għarusa mhux mill-Imqabba kienet mis-Siġġiewi, u għalhekk, b'kollox, għarajjes mis-Siġġiewi kien hemm 3. Fl-aħħarnett, ninnotaw li l-għarajjes romol kienu kollha rġiel u kollha mhux mill-Imqabba.

## Konklużjoni

L-Imqabba inqatgħet mir-Reġistru ta' Ħal Kirkop fl-1 ta' April, 1596, u bdiet tirreġistra magħmudijiet, żwieġ u mwiet fis-6 ta' Jannar tal-1599. Minkejja li hemm sentejn u nofs bejn dawn id-dati, baqa' ma nstabx tagħrif fuq reġistrazzjonijiet ta' magħmudijiet, żwiġijiet u mwiet li forsi saru fl-Imqabba f'dak il-perjodu, ħlief dawk li saru f'Birmiftuħ u f'parroċċi oħra. Jidher li għalkemm l-Imqabba u Ħal Safi nqatgħu minn Birmiftuħ flimkien ma' Ħal Kirkop fid-29 ta' Mejju, 1592, xorta l-Imqabbin u l-Ħal Safin[25] baqgħu jirrikorru fl-uffiċċju parrokkjali ta' Birmiftuħ, kif ukoll f'dak ta' Ħal Kirkop, bejn dik id-data u l-1596.

Bejn l-1550, meta l-ewwel Reġistru ta' Birmiftuħ jibda, sa l-1596, ġew iċċelebrati f'Birmiftuħ u f'Ħal Kirkop medja ta' 10.55 żwiġijiet kull għaxar snin (ara t-Tabella fuq). Dan ifisser li kull sena kien jiġi ċċelebrat żwieġ wieħed. Dawn iż-żwiġijiet jiżdiedu minn

2 fl-1550 għal 23 f'għoxrin sena, imbagħad jonqsu bejn l-1580 u l-1589, u jerġgħu jiżdiedu sa ma l-Imqabba ssir parroċċa fl-1596. Kien hemm ftit iktar għarajjes nisa li żżewwġu f'dawn is-46 sena (1550-1596) (medja ta' 6.29 kull għaxar snin, jew 75.35% tat-total) minn għarajjes irġiel (medja ta' 6.07 kull għaxar snin, jew 62.97% tat-total). Għarajjes irġiel minn barra l-Imqabba f'dawn is-46 sena kien hemm 23, medja ta' 5.26 kull għaxar snin fl-istess epoka, jew 35.84% tat-total, u dawn ġew minn dawn il-postijiet: Żurrieq (6), Qrendi (5), Siġġiewi (4), Rabat (Malta) (2), Kirkop (2), Żebbuġ (Malta) (1), Gudja (1), Luqa (1), u wieħed barrani li ma jingħadx minn fejn kien, imma li kunjomu kien Carasco, wisq probabbli Taljan. Dan ifisser ukoll li kien hemm iktar ġuvintur Imqabbin li kienu jiżżewwġu fil-parroċċa milli ġuvintur mhux Imqabbin li kienu jiżżewwġu fl-istess parroċċa ta' Birmiftuħ/Ħal Kirkop. Meta wieħed iqabbel dawn l-irħula u figuri ta' bejn l-1550 u l-1596 ma' dawk tas-sittax-il sena reġistrati fl-Imqabba (1599-1615) (ara fuq), wieħed isib li l-Imqabba baqa' jiġbed lejh ġuvintur miż-Żurrieq, mill-Qrendi u minn Ħal Kirkop, imma minn Senglea flok mis-Siġġiewi.

Interessanti wieħed jinnota ż-żwieġ ta' wieħed Stiefnu, skjav meħlus minn Antonju Manduca, ma' Vennera Grech, bint il-mibki Ljun, fit-28 ta' Awwissu, 1566, f'Birmiftuħ. L-iktar kunjomijiet komuni f'din l-epoka kienu dawk ta' Zammit, Farrugia u Aquilina. Għarajjes Imqabbin aħwa f'perjodi ta' għaxar snin bejn l-1550 u l-1596 kien hemm 9 (39.13%) bejn l-1560 u l-1569, u 5 (35.71%) bejn l-1570 u l-1579, b'medja ta' 2.33 (12.47%). Dawn ġew minn tliet familji bil-kunjom Farrugia, żewġ familji bil-kunjom Zammit u minn familja kunjomha Mangion. Fl-istess żmien kien hemm biss żewġ żwiġijiet (8.7%) li kienu jinvolvu romol, u kollha saru bejn l-1560 u l-1569, b'medja ta' 0.33 (1.45%). Dawn kienu ta' Duminka armla ta' Ġwanni Zammit, li żżewwġet lil Mikiel Lombardo, miż-Żurrieq, fl-14 ta' April, 1566, u dak ta' Imperja Zammit, bint Pawlu, armla ta' Bartilmew Farrugia, li żżewġet lil Blażju Borg fit-12 ta' Frar, 1569.

Bejn l-1550 u l-1596, kif ukoll bejn l-1599 u l-1615, meħudin flimkien, wieħed jikkonferma li l-familji l-aktar numerużi ta' l-Imqabba kienu dawk ta' Zammit, Farrugia, Magro, Agius, Tonna u Aquilina.

Kieku wieħed kellu jagħti idea ta' x'kienet il-popolazzjoni ta' l-Imqabba bejn l-1550 u l-1596, meta kien isir b'medja żwieġ wieħed (10.55 kull għaxar snin, jew 1.06 kull sena) u ħames magħmudijiet fis-sena (4.8), il-popolazzjoni ma setgħetx kienet ħafna iktar minn 200 ruħ. Medja ta' 11.6 trabi kienu jiġu mgħammda kull sena f'Ħal Kirkop bejn l-1592 u l-1679, meta familji kien hemm 88, u l-popolazzjoni kienet dik ta' 495. Mela 4.8 trabi b'medja kull sena li ġew mgħammda għall-Imqabba f'Birmiftuħ u f'Ħal Kirkop kienu indikazzjoni ta' popolazzjoni ta' 204.83. L-Isqof Dusina, fl-1575, propju fl-epoka li qegħdin nittrattaw, jgħid li fl-Imqabba kien hemm biss 30 familja. Jekk, mela, minn f'Ħal Kirkop f'sena kien hemm 88 familja u popolazzjoni ta' 495, allura 30 familja f'sena fl-Imqabba kienet tfisser popolazzjoni ta' 168.75. Biss biss, ġa ġie kkalkulat li bejn l-1592 u l-1596, l-Imqabba u Ħal Safi flimkien kellhom popolazzjoni inqas minn Ħal Kirkop.[26] Fi ftit kliem, sa l-1596, l-Imqabba kellha madwar 200 ruħ.

* Prof. Horatio Caesar Roger Vella, Associate Professor fil-Latin u l-Grieg.

**Noti:**

1 Nixtieq nirringrazzja lill-Kanonku Dun Evan Caruana, dak iż-żmien Kappillan tal-Gudja, talli tani l-permess nagħmel dan l-istudju fl-Uffiċċju Parrokkjali tiegħu.

2 Għall-użu ta' din il-kelma "matriċi" għall-knisja ta' Ħal Kirkop, ara H.C.R. Vella (2000), 114, fejn nuri li l-kelma intużat disa' darbiet bejn l-1647 u l-1655, fi żmien il-Kappillan Dun Ġwann Xmun Azzopardi, kif ukoll H.C.R. Vella (2006), 341, fejn nirreferi għall-użu tagħha mill-Kappillan Dun Salvu Cassar, sahansitra fl-1830.

3 Nirringrazzja hawn lil Dun Karm Camilleri, dak iż-żmien Kappillan ta' Ħal Kirkop, talli tani l-permess li nagħmel dan l-istudju fl-Uffiċċju Parrokkjali tiegħu.

4 Nirringrazzja hawn lil Dun Joe Bartolo, dak iż-żmien Kappillan ta' l-Imqabba, talli tani l-permess li nagħmel dan l-istudju fl-Uffiċċju Parrokkjali tiegħu.

5 H.C.R. Vella (2000), 112-113.

6 H.C.R. Vella (2000), 128.

7 H.C.R. Vella (2000), 81.

8 H.C.R. Vella (2000), 110.

9 H.C.R. Vella (2000), 80. Ara wkoll in-nota tal-Kappillan Taliana f'H.C.R. Vella (2000), 114.

10 H.C.R. Vella (2000), 51.

11 H.C.R. Vella (2000), 114.

12 H.C.R. Vella (2000), 129, n.8.

13 H.C.R. Vella (2000), 112-113.

14 H.C.R. Vella (2000), 130, n.12.

15 H.C.R. Vella (2000), 51.

16 H.C.R. Vella (2000), 80-81.

17 H.C.R. Vella (2006), 83-84.

18 H.C.R. Vella (2000), 51-52.

19 H.C.R. Vella (2006), 20 u 24.

20 H.C.R. Vella (2006), 19-26.

21 H.C.R. Vella (2000), 51.

22 H.C.R. Vella (2006), 19-26.

23 Il-medja qiegħda tittieħed biss mill-1550 u l-1596, meta l-Imqabba nqatgħet minn Ħal Kirkop. Iż-żwiġijiet waħdiet li seħħew f'Birmiftuħ mill-1596 sa l-1645 ma jindikawx mumru kbir biżżejjed li fuqu tista' ssir statistika, propju għaliex l-Imqabbin ma baqgħux jirrikorru bħal qabel f'Birmiftuħ meta nqatgħu għal rashom fl-1596.

24 Uffiċċju Parrokkjali Mqabba, l-Ewwel Volum.

25 Fatt li ser jiġi spjegat f'artikolu ieħor.

26 H.C.R. Vella (2000), 110-112, 122, n.6, u P. Dusina (1975), f.186.

## Bibljografija

P. Dusina. 1575. *Visitatio apostolica*, ms. Bibljoteka Nazzjonali, Valletta, 193.

H.C.R. Vella. 2000. *L-ewwel Reġistru tal-Parroċċa: 1592-1679*. F'H.C.R. Vella ed., *Ħal Kirkop u l-inħawi ta' madwaru*. Università ta' Malta, Msida, Malta: 48-141.

H.C.R. Vella. 2006. *Indiċi ta' ismijiet ta' nies minn Ħal Kirkop li jinsabu mniżżla fir-Reġistri taż-żwiġijiet, magħmudijiet u mwiet f'Birmiftuħ u f'Ħal Kirkop mill-1550 sal-1840*. Concept Communications Ltd, Birkirkara, Malta.